**8 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Pawlu Spiteri et.

**Responsabbiltà Kriminali — Negliġenza.**

*F'materja ta' responsabbiltà penali minħabba negliġenza, f'każ fejn ikorri impjegat, jeħtieġ li qabel xejn jiġi stabbilit jekk bejn il-prinċipal u l-impjegat korrut kienx hemm mill-parti tal-ewwel wieħed xi obligazzjoni "to take care" versu t-tieni wieħed.*

*Is-sid ta' barriera għandu dan l-obligu, billi hu obligat li jipprovdi makkinarju tajjeb u jżommu f'kondizzjoni tajba, sabiex l-impjegati tiegħu ma jkunux suġġetti għal riskju bla bżonn. Jekk dak is-sid ta' barriera jkollu mpjegata miegħu persuna biex tissorvelja x-xogħol, anki din il-persuna jkollha dan l-obligu, għax għandha tassikura illi l-makni ma jkunux kawża ta' perikolu għall-impjegati.*

*Ladarba n-negliġenza tkun "gross and culpable", hija tagħti lok mhux biss għal responsabbiltà ċivili, imma anki kriminali.*

*Xejn ma jiswa li l-impjegat li korra kien talvolta mprudenti, jekk il-makkinarju ma kienx miżmum bid-debiti rpari u prekawzjonijiet oħra; għaliex dawn l-irpari u prekawzjonijiet huma ntiżi preċiżament biex jiskonġuraw il-konsegwenzi ta' din l-imprudenza.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputati talli l-Imqabba l-imputat Pawlu Spiteri, bħala sid ta' barriera f'Ta' Kandja, u l-imputat Salvu Farrugia, bħala l-persuna nkarigata mix-xogħol u mill-impjegati fl-istess barriera, fit-13 ta' Ottubru 1960, minħabba nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni, billi żammew ix-xafra tal-makna tal-isserrar mikxufa waqt li kienet taħdem, kienu l-kaġun ta' offiża gravi fuq il-persuna tal-impjegat Eman-

uel Mangion; barra minn dan, Pawlu Spiteri f'dawn l-aħħar tliet xhur biegħ ġebel mill-istess barriera mingħajr liċenza tal-Pulizija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' April 1961, li biha sabet liż-żewġ imputati ħajtin tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, u lliberathom taħt il-provvedimenti tal-art. 23(1)(a) tal-Liġijiet Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputat Pawlu Spiteri appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata fil-konfront tiegħu, u li hu jiġi liberat;

Rat ir-rikors li bih l-imputat Salvu Farrugia appella u talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija, in kwantu tirrigwarda lilu, tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

L-imputat Spiteri qiegħed jappella prinċipalment fuq żewġ motivi; wieħed, għax l-inċident ġara bi ħtija tal-istess korrut Mangion; u l-ieħor għax kien il-ko-imputat Farrugia li kellu l-inkarigu li jieħu ħsieb il-makni, peress li hu stess ikun ta' spiss assenti mill-barriera;

L-imputat Farrugia jenunċja bħala gravami li hu ma kellux ir-responsabbiltà tas-sikurezza tal-ħaddiema, li kienu mpjegati u mħallsin mill-ko-imputat Spiteri, imma kellu biss is-sorveljanza tax-xogħol; u anki li Mangion, il-ferut, ġuvni ta' żbatax il-sena, espona ruħu għall-perikolu bla bżonn;

Ikkunsidrat;

F'materja ta' responsabbiltà penali minħabba negliġenza jeħtieġ li qabel xejn jiġi stabbilit jekk bejn l-imputat u l-korrut kienx hemm mill-parti tal-ewwel wieħed xi obbligazzjoni "to take care" versus t-tieni wieħed. F'dan il-każ, l-appellant Spiteri, bħala s-sid tal-barriera li kien qiegħed jimpjega lil Mangion, kellu l-obbligu "to provide proper appliances and to maintain them in a proper con-

dition, and so to carry on his operations as not to subject those employed by him to unnecessary risks" (ara Charlesworth, The Law of Negligence, pp.516 et.; Halsbury, Vol. XXIII, p. 575; Coen, voce Danni, §§ 265, 296). L-appellant Farrugia kellu wkoll l-obligu li jassikura li l-makni ma jkunux kawża ta' perikolu, minħabba li l-provi juru biċ-ċar li hu kellu mhux biss jissorvelja x-xogħol, imma anki jieħu ħsieb il-makni (xhieda Zammit fol. 11, Zammit fol. 12 tergo, Camilleri fol. 14 tergo, u ammissjoni talistess Farrugia appellant;

Ma jistgħax jiġi dubitat li ż-żewġ appellanti naqsu minn dan l-obligu; għaliex jirriżulta li l-"guards", li qabel kellhom ix-xfafar tal-makni, ġew imneħħija, u kienu mneħħija meta sar l-infortunju. Kienet x'kienet ir-raġuni li għaliha dawk l-irpari ġew rimossi (ammenokkè ma kienetx raġuni ta' forza maġġuri), xejn ma kien jiġġustifika li dawk ix-xfafar, ossija "circular saws", jibqgħu u jiġu attivati bla "guards". Ir-raġuni għaliex tneħħew, illi ċjoè, bihom fillok ma kienx possibbli li jinqatgħu xquq fil-ħajt, proċess li jirrikorri kull kwarta xogħol, ma hijiex "vis major", imma raġuni ta' konvenjenza; u kien dover tal-appellanti li jadoperaw ruħhom li jagħmlu u li jużaw irpari ta' xorta oħra, kif fil-fatt jirriżulta li issa saru. Kif jittrapela mill-kliem tal-espert ġudizzjarju, fol. 22, l-appellanti ħadu r-riskju u speraw li ma jiġri xejn; u dan sabiex jevitaw l-inkommodu li jvarjaw ta' spiss il-pożizzjoni tal-"guards" u jevitaw ukoll li jimmodifikaw, f'mod aktar prattiku il-konġenju eżistenti;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti hi persważa li din in-negliżenza kienet ta' grad tali li tagħti lok għal responsabbiltà mhux sempliċement ċivili, imma kriminali, fis-sens li kienet "gross and culpable negligence" (ara nota (n) u 21 Harris & Wilshere, Crim. Law u Charlesworth, loc. ċit. p. 3);

Ir-raġunijiet li jsostnu din il-fehma tal-Qorti huma tlieta:— (a) il-makna, bix-xfafar esposti, kienet oġġett perikolus u għalhekk ir-riskju kien gravi (Halsbury, Vol. XXIII- p. 574 et seq.); ħaġa tista' tkun perikoluża "in it-

self inherently or from the state in which its owner suffers *it to be" — Latham vs. Johnson & Nephew Ltd. (1913)*, 1. K.B., 398, C. App. p. 419; (b) il-possibbiltà ta' inċident kienet faċilment prevedibbli, għaliex kull bniedem għandu jissupponi li mhux kulħadd ikun dejjem attent fil-movimenti tiegħu; (c) u kien hemm il-potenzjalità ta' konsegwenzi serji, kif juri l-fatt li s-sinistrat Mangion kellu sidru mċarrat minn fuq s'isfel, bi fratturi tal-"isternum" u ta' ħafna kustilji, b'penetrazzjoni tal-kavità tal-plewra u prolass tal-pulmun, u kien f'perikolu imminenti li jitlef ħajtu. Qalet sewwa, a propożitu ta' dawn il-kriterji, il-Court of Session *tal-Iskozja in Machintosk vs. Machintosk (1864), 2 Macph.* p. 1357, illi "the degree of care may vary according to the amount of risk to be encountered and the magnitude of the prospective injury";

Ikkunsidrat;

Ingħad li Mangion ma kienx imissu jgħaddi mill-ispazju ta' xi erbgħa piedi bejn iż-żewġ makni, ġa ladarba seta' jgħaddi minn naħa l-oħra tal-makna li korietu. Din ir-raġuni *ma timpressjonax lill-Qorti, fiċ-ċirkustanzi partikulari* ta' dan il-każ; għaliex l-att ta' Mangion seta' kien talvolta bla bżonn, imma żgur li ma kienx iġib ebda konsegwenza kieku x-xfafar tal-makna ma kienux bla "guards". Del resto, hu appuntu kontra imprudenzi simili li huma ntiżi l-irpari; għax kieku ma jkun hemm ebda mprudenza, ma jkunx hemm bżonn li jsiru. Kien ikun divers il-każ kieku l-irpari kienu hemm u kieku inkawtament neħħihom Mangion stess (ara Morris v. Boase Spinning Coy. (1895) 32 Sc. Law Rep. 243 — "where no liability was attached to the employers when a *girl under fourteen was killed by a machine the* guards of which she had improperly removed". Kien ikun ukoll divers il-każ kieku l-appellanti poġġew il-"guards", u dawn kienu raġjonevolment effiċjenti u ntant, ċjò non ostante, Mangion b'xi mod korra. Hawn il-każ hu propriju l-invers, ċjoè il-"guards" kienu hemm, u l-appellanti stess neħħewhom biex iħaffu x-xogħol;

Il-fatt li Mangion tfixkel fil-cables li kien hemm fl-art xejn ma jgħin lill-appellanti; mhux biss għaliex li wieħed jiżloq u jiġi fuq ix-xfafar *hija preċiżament waħda mill-*

"misadventures" li kontra l-konsegwenzi tagħhom huma ntiżi l-"guards", imma anki għaliex l-eżistenza ta' dawk il-cables, mixħutin fl-art kontinwament mas-saqajn minflok mgħollija fuq pilastri tal-injam, kienet element ieħor ta' traskuraġni tal-appellanti, kif opportunament irrileva l-perit (relaz. fol. 22, para. 3 in fondo);

Lanqas jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti li Mangion kien ġie mwissi biex ma jgħaddix minn hemm. L-appellant Farrugia fix-xhieda tiegħu f'din is-sede ippretenda li hu avverta lil Mangion; iżda mhux biss ix-xhieda tiegħu fuq dan il-pont hija mpreċiża u konfuża, imma hu ma ġiex korroborat minn ebda xhud, u ġie reċiżament kontraddett minn Mangion. Kieku kien ġie mwissi, allura, salvi ċirkustanzi u aspetti oħra, partikolarment fil-konfront ta' tfal ta' età żgħira, hu kien ikun "pro tanto" mhux aktar rigwardabbli bħala mpjegat, imma bħala "trespasser" — ċirkustanzi li kien ikollha rifless fuq il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-appellanti (nota (a) Halsbury, loc. ċit.);

L-appellanti pjuttost fettxew li jiskarikaw ir-responsabbiltà tagħhom billi jixħtuha fuq xulxin. Il-verità ġuridika hi, però li fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ ir-responsabbiltà ta' wieħed ma teskludix dik tal-ieħor. L-appellant Spiteri hu responsabbli, għaliex kien dmir tiegħu li jipprovdi lill-impjegati b' "safe tackle and appliances" — dmir li ma setgħax jiddelega lil ħadd ieħor (Halsbury, loc. ċit., p. 575), u hu, minflok, kien qiegħed jipprovvedi "circular saws" bla "guards". L-appellant Farrugia li kien inkarigat bl-attivazzjoni tal-makni hu responsabbli għaliex kien qiegħed iħaddem dik il-makna bix-xfafar esposti; u l-fatt li hekk ried il-prinċipal tiegħu ma jiskużahx, għax ebda ordni ġerarkiku li hu illeġittimu ma jiskuża;

Din il-Qorti, fl-istudju ta' dan il-każ, kellha quddiemha, minbarra awtoritajiet u deċiżjonijiet oħra, anki s-sentenza "Debono vs. Muscat", mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar 1960; u tirrileva li dak il-każ hu distingwibbli minn dan, in kwantu li fil-każ ċitat il-konvenut kien għamel dak kollu li kellu jagħmel kwantu għall-makkinarju, mentri f'dan il-każ l-appellanti mhux talli ma għamlux dak li kellhom jagħmlu imma anzi neħħew il-mezz ta'

sikurezza li qabel kien hemm. Mbarra hekk, fil-każ ċitat l-infortunju sar għax l-*infortunat* (li ma kienx "child") *għamel att li kien ġie lilu* espressament projbit, u li, persè u immedjatament, ġieb il-konsegwenzi dannużi (ċjoè qabad ma' ċinga li kienet qegħdha ddur), mentri f'dan il-każ Mangion, li ma jirriżultax li kien imwissi, għamel att (ċjoè għadda bejn il-makni) li per sè ma kienx ta' perikolu, u li sar perikolus minħabba x-xfafar esposti; il-fatt li tfixkel fil-cable kien appuntu l-inċident li kien ikun riparat bil-"guards", apparti li dawk il-cables kien imisshom kienu mtellgħin u mhux imxerrdin ma' l-art;

Il-Qorti tirrileva wkoll illi f'din is-sentenza ma ssemmietx il-liġi dwar il-"Factories", u lanqas ir-regolamenti relattivi; għaliex dan l-inċident sar "qabel" ma saret l-emenda li estendiet din il-liġi għall-barrieri;

Ebda argument ma jista' jieħu l-appellant Spiteri mill-ittra li ġiet minnu eżibita bin-nota tad-19 ta' Mejju 1961, preżumibbilment biex juri li kien biss wara l-inċident li hu ġie ordnat mill-Awtoritajiet biex jipprovdi l-makkinarju bil-"guards"; għaliex ir-responsabbiltà tiegħu ġiet aċċertata indipendentement mid-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-"Factories", u in bażi għall-prinċipji ġenerali tan-negliġenza kriminali. Jista' jiżdied ukoll li fil-fatt dawk il-makni kellhom "guards", u tneħħew ġa minn qabel l-emenda li estendiet is-sinifikat ta' "factory" għall-barriera; u jista' wkoll jiġi aġġunt li, mix-xhieda tant tal-appellant Spiteri kemm tal-appellant Farrugia f'din l-istanza, jidher illi l-ispettur governattiv, anki qabel l-emenda tal-liġi, kien interessa ruħu u kien ordna li jsiru l-"guards";

Għall-motivi fuq esposti;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi ż-żewġ appelli, u tikkonferma *fil-konfront taż-żewġ imputati* s-sentenza appellata.